MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 25/1998/1

**Andrew u martu Rose Pace**

**vs**

**1. Unscheduled Bus Service**
**2. Joseph Spiteri u b'digriet tas-16 ta' Frar, 1998, gew mizjuda l-kliem Dr. George Hyzler bhala Chairman u Carmelo Vassallo bhala Segretarju in rapprezentanza tal-Unscheduled Bus Service u b'digriet tad-29 ta' Marzu, 2000, Dr. George Hyzler gie sostitwit ma' Dr. Simon Tortell.**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Novembru, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fid-9 ta' Jannar, 1998, fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, illi jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) rapprezentanti s-somma dovuta mill-konvenut Unscheduled Bus Service lill-atturi bhala proprjetarji tax-xarabanks, skond l-iskrittura privata li saret bejn l-atturi u l-konvenut Joseph Spiteri fit-3 ta' April, 1995, [vide Dok A], liema somma giet minflok imhallsa lill-konvenut Joseph Spiteri.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Lulju, 1997, u bl-imghaxijiet mid-data tal-imsemmija ittra sad-data tal-eventwali hlas - ilkoll, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Spiteri fejn eccepixxa:

Illi t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-ammont pretiz bl-Avviz jispetta lill-eccipjenti u mhux lill-atturi kif minnhom pretiz.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-Unscheduled Bus Service rapprezentanta mill-avukat Dr George Hyzler u Carmelo Vassallo, chairman u segretarju rispettivament, fejn eccepiet:

Illi l-flus li tqassmu lill-membri mill-“fond akkumulat” ma jidhirx li huma ntitolati ghalihom l-atturi izda Joseph Spiteri bhala membru sid tal-coach fiz-zmien li sar it-tqassim.

Illi fi kwalunkwe kaz ma' trasferiment ta' coach, l-Unscheduled Bus Service tidhol f'relazzjoni gdida mas-sid il-gdid, u naturalment, jibqghu impregudikati l-arrangamenti li jsiru fit-trasferiment tal-coach li ghall-Unscheduled Bus Service u res inter alios acta.

Ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu diretti lejn l-Unscheduled Bus Service huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Minkejja l-istruttura komplikata ta’ l-Unscheduled Bus Service u l-arrangamenti illi kien hemm bejn il-partijiet u min kien intitolat jircievi l-flus u min ma kienx, din il-Qorti sejra tipprova tissemplifika l-kwistjoni biex b’hekk tifthem ahjar minn min ghandu nteress.

Irrizulta mill-provi illi l-attur, Andrew Pace, kien proprjetarju ta’ *coach* Bedford Dominant bin-numru tar-registrazzjoni Y – 0909. Sar ftehim verbali mal-konvenut Joseph Spiteri fil-25 ta’ Marzu, 1995, li dan il-*coach* jinbiegh. Fil-fatt saret skrittura fl-ufficcju ta’ l-avukat Dr Aldo Vella fit- 3 ta’ April, 1995, fejn Andrew Pace biegh fuq imsemmi *coach* lil Joseph Spiteri.

L-artikolu 3 ta’ dan il-ftehim jghid illi jekk jitqassmu xi flus mill-Unscheduled Bus Service, mill-qliegh li din ta’ l-ahhar irceviet ghal perijodu ta’ qabel il-31 ta’ Dicembru, 1994, dawn il-flejjes kellhom jithallsu lill-attur.

Fil-fatt gara illi f’Awissu, 1995, il-Unscheduled Bus Service kellha flus fl-“Accumulated Fund” illi riedet tqassam lis-sidien u l-elf lira Maltin (Lm1000) li kienu dovuti fuq il-*coach* Y – 0909, inghataw lil Andrew Pace. Dana kien konformi ma’ l-artikolu 3 fuq imsemmi, minkejja li meta tqassmu dawn l-elf lira Maltin (Lm1000) il-*coach* kien diga fil-pussess ta’ Joseph Spiteri.

Gara pero’ illi kien hemm okkazjoni ohra meta l-Unscheduled Bus Service qassmet flus lis-sidien tal-*coaches*. Dana kien f’Awissu 1997. Gie deciz li hawn ukoll li l-flus jitqassmu lis-sidien tal-*coaches* qabel l-1995. Pero s-sehem tal-*coach* Y –0909, inghata lill-konvenut Joseph Spiteri minkejja li ghal dak il-perijodu u cioe’ qabel

l-1995, il-*coach* ma kienx fil-pussess tieghu, izda fil-pussess ta’ l-attur, Andrew Pace.

Minkejja li Andrew Pace ghamel ir-rapprezentanzzjonijiet mal-Unscheduled Bus Service, il-flus baqghu mizmuma minn Joseph Spiteri, li pero’ kellu jaghti garanzija lill-Unscheduled Bus Service illi jekk ikun hemm xi *claim* kontra l-Unscheduled Bus Service biex thallas dawn il-flus, allura Spiteri kellu jaghmel tajjeb b’din il-garanzija.

Spiteri jghid pero’, illi l-artikolu 3 tal-kuntratt, tat-3 ta’ April, 1995, kien jirreferi biss ghat-tqassim ta’ flus li sar f’Awissu, 1995. It-tqassim li sar f’Awissu 1997, ma kienx kopert bil-ftehim u ghalhekk kien jispetta lilu ghax dakinhar il-*coach* kien fil-pussess legali tieghu.

Filwaqt illi dana t-tip ta’ pussess f’Awissu, 1997, mhuwiex mess in dubbju, il-Qorti tirrileva illi l-kondizzjoni mposta mill-Unscheduled Bus Service ghat-tqassim ta’ dawk il-flus, kienu jirreferu ghall-pussess legali tal-*coach* fiz-zmien it-tqassim, izda l-pussess legali qabel l-1995, cioe’ sal-31 ta’ Dicembru, 1994, f’liema perijodu, kif gia nghad il-*coach* Y – 0909 kien ghadu fil-pussess legali ta’ l-attur. Kwindi kien jispetta lilu li dawn il-flus johodhom.

Angelo Spiteri, missier il-konvenut Joseph, a Fol 72 tal-process jirrikonoxxi illi l-pagament ta’ l-1997, “… Mar ghand is-sidien tal-*coaches* il-qodma, u cioe’ dawk is-sidien tal-*coaches* illi kienu Malta sa’ Dicembru, 1994.” F’dan il-kaz ibnu ma kienx jikkwalifika illi jircievi dawn il-flus, pero’ madankollu hadhom xorta wahda.

Il-Qorti jidhrilha illi l-pagament illi sar f’Awissu, 1997, ma kienx kopert bl-iskrittura tat-3 ta’ April, 1995, ghax kif tajjeb qal Angelo Spiteri meta din l-iskrittura giet redatta ma kienux jafu li kienu ser jitqassmu flus ohra oltre dawk li tqassmu f’Awissu, 1995.

Ghalhekk it-tqassim li sar f’Awissu, 1997, kien kopert mill-kundizzjoni li ghamlet l-istess Unscheduled Bus Service u cioe’ li jmorru ghand is-sidien tal-*coaches* li kienu Malta sa’ Dicembru, 1994.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-attur ghandu ragun u l-konvenut Joseph Spiteri rcieva ndebitament flus illi huwa ma kienx intitolat ghalihom liema titular kien l-attur.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tillibera mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenut Unscheduled Bus Service, tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut Joseph Spiteri li jhallashom is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) rapprezentanti somma dovuta mill-Unscheduled Bus Service lill-atturi bhala proprejatrji tal-*coach* bin-numru tar-registrazzjoni Y – 0909 sal-31 ta' Dicembru, 1994, li allura kien jintitolhom jircievu l-flus fuq imsemmija u li minflok thallsu lil Joseph Spiteri.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut Joseph Spiteri."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut Joseph Spiteri bl-aggravju illi l-klawsola tlieta (3) tal-iskrittura ta' ftehim tat-3 ta' April 1995 bejnu u l-atturi appellati kellu jigi ntiz illi l-kondizzjoni fiha kienet marbuta <u>biss</u> mat-tqassim ta' flus li sar mill-Unscheduled Bus Service fl-10 ta' April 1995. Huwa jissottometti fuq il-bazi ta' l-Artikolu 1057 tal-Kodici Civili illi l-partijiet kontraenti ma setghux kienu jafu fil-mument tar-redazzjoni tal-ftehim illi sentejn wara kien ser ikun hemm fondi fl-"accumulated fund" biex isir tqassim iehor mill-istess ghaqda taghhom. Isostni, imbaghad, li l-kaz kellu jigi rigwardat fl-ambitu ta' dak dispost fl-Artikoli 1003 u 1009 tal-Kodici Civili.

L-appellanti jikkritika, forsi mhux bla raguni, illi fil-motivazzjoni tas-sentenza tezisti kontraddizzjoni bejn dak determinat mill-ewwel Qorti fis-sens illi l-pagament ta' Awissu 1997 ma kienx kopert bl-iskrittura u dak, imbaghad, ritenut minnha illi t-tqassim kien kopert mill-kundizzjoni li ghamlet l-Unscheduled Bus Service u cioe li l-hlas isir lis-sidien tal-coaches li kienu joperaw qabel l-1995.

Minn naha taghhom l-appellati ipprevalew ruhhom mill-appell hekk interpost mill-imsemmi konvenut biex ressqu appell incidentali. L-aggravju taghhom hu proprju dirett kontra l-motivazzjoni appena accennata riferibilment pero` ghal dik il-parti fejn l-ewwel Qorti eskludiet mill-portata tal-klawsola (3) tal-ftehim imsemmi l-hlas li sar f'Awissu 1997.

Huwa evidenti li s-soluzzjoni tal-kwestjoni hi dipendenti fuq l-interpretazzjoni li ghandha tigi akkordata lill-klawsola centrali tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet. Klawsola li fil-kompletezza taghha tipprovdi hekk:-

"Kemm il-darba l-Unscheduled Bus Service iqassam xi flus lill-membri tieghu ghal xoghol ta' transport unscheduled esegwit sal-31 ta' Dicembru 1994, is-sehem spettanti lil coach in vendita ghandu jigi percepit mill-vendituri".

Jidher li l-ewwel Qorti fil-konkluzjoni taghha rragunat fuq dak depost mix-xhud Angelo Spiteri, missier l-appellanti li, filwaqt li rrikonoxxa li l-pagament li thallas f'Awissu 1997 kien dovut lis-sidien li kienu uzaw il-coaches (fol 73), stqarr li meta gie redatt il-ftehim "ahna ma konniex nafu li ser jitqassmu flus sentejn wara … … u kien ghalhekk li dan it-tieni pagament ma dahalx fid-diskussjonijiet ta' bejnietna". (fol 72)

Kif illustrat, fl-appell incidentali taghhom l-appellati ma jaqblux ma' din id-dikjarazzjoni u l-mod kif dan ix-xhud ghogbu jinterpreta l-klawsola in diskussjoni, hekk akkolta bhala konsiderazzjoni korretta mill-ewwel Qorti.

Posta l-kwestjoni li l-partijiet qed jikkontendu dwarha jinghad qabel xejn illi meta jinsorgu diffikoltajiet jew kuntrasti fuq l-intelligenza ta' xi kondizzjoni jew patt kontrattwali, u fuq l-effetti taghha, l-ligi tipprovdi kriterji direttivi bhala mezz ta' interpetazzjoni. Fost dawn il-kriterji nsibu annoverati l-indagini dwar l-intenzjoni komuni tal-kontraenti fiz-zmien tal-konkluzjoni tal-att, il-konsiderazzjoni tac-cirkostanzi li fihom il-partijiet ikkonvenew, u l-motiv li ragjonevolment iddeterminahom.

S'intendi l-kliem adoperati huma l-mezz li bihom tigi manifestata l-intenzjoni u allura bhala l-ewwel regola bazika dettata anke mill-Artikolu 1002, Kap 16, meta l-kliem ikunu cari ma jkunx hemm ghalfejn wiehed joqghod jinoltra ruhu biex jiskopri l-intenzjoni. S'intendi, wkoll, jinsorgu sitwazzjonijiet fejn wiehed ikun jehtieglu jaghmel approfondiment biex jirrikava dik l-intenzjoni li l-kontraenti verosimilment kellhom in mente meta qablu fuq xi klawsola partikolari. Dan jigri ghaliex "le convenzioni non sono sempre redatte con piena precisione di termini" u allura "in casi di dubbi e d'ambiguita` quale sia stata la volonta` dei contraenti e` sempre necessario indagare, piuttosto che fermarsi al senso letterale della parola" - "**Nobile Paolo Bologna Strickland nomine –vs- Salvatore Pisani et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 18 ta' Ottubru 1884.

Dan iwassal ghat-tieni regola fundamentali ta' l-ermenewtika guridika tramandata lilna mid-dritt Ruman, ahjar dettata fl-artikolu 1003 tal-Kodici Civili, jigifieri, li meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbelx mal-intenzjoni tal-partijiet kif tkun tidher mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni.

L-appellanti iserrah it-tezi tieghu fuq id-disposizzjoni ta' dan l-ahhar imsemmi artikolu. Huwa jargomenta li fil-kaz odjern hemm sitwazzjoni evidenti fejn il-partijiet ma humiex jaqblu fuq l-interpretazzjoni tal-ftehim milhuq minhabba fatturi li sehhew wara li dahlu fih.

Bir-rispett kollu versu l-appellanti din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din il-konkluzjoni tieghu.

Jemergi mill-provi illi fl-okkazjoni tar-redazzjoni tal-ftehim il-venditur issolleva l-punt illi ta' kull xahar l-ghaqda tal-coaches kienet tirritjeni ghaxra fil-mija (10%) mill-flus dovuti lis-sidien ghall-htigijiet amministrattivi. Il-bilanc minn dan l-istess persentagg kien jitqieghed go fond u kull tant zmien l-Ghaqda kienet tqassam minnu lis-sidien. Kienu allura flejjes dovuti lis-sidien ghal hidmithom ritenuti mill-qliegh taghhom stess. Ara Affidavit tal-attur appellat

(fol 15) u dak ta' Joseph Calleja (fol 27), kif korroborati mix-xiehda ta' Raymond Bartolo (fol 36).

Fil-konsiderandi ta' dawn il-provi ghalhekk din il-Qorti mhux talli fil-klawsola kontrattwali fuq espressa ma tarax intenzjoni diversa mill-kliem cari tal-patt talli thoss li dawn huma in armonija mal-intenzjoni vera u ineccepibilment f'koezjoni shiha mas-sens letterali tal-patt li, del resto, ma jaghmilx id-distinzjoni pretiza mill-appellanti dwar hlasijiet li saru f'April 1995 u dawk f'Awissu 1997.

Kif osservat fis-sentenza "**Sciberras Trigona –vs- Aneico**", Prim'Awla, Qorti Civili, 6 ta' Ottubru 1883, "quando le parole dell'atto sono chiare si deve stare alla lettera dell'atto, e non vi e` luogo a ricorrere a congetture". Enuncjazzjoni din li sabet kunsens fis-sentenzi fl-ismijiet "**Vincenzo Angelo Bugeja –vs- Wisq. Rev. Dun Giuseppe Samut**", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1952 u "**John Zammit et –vs- Michael Zammit Tabone pro et noe**", Appell, 28 ta' Frar 1997.

Proprju f'din l-ahhar citata decizjoni ntqal illi "pero` fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-intenzjoni tal-kontendenti ghal kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jghodd".

Huwa minnu illi l-liberta` tal-gudizzju tal-gudikant mhiex vinkolata mill-kliem fl-ezami minnu kondott tac-cirkostanzi tal-kaz partikolari. Izda jekk imbaghad ghalih id-dicitura uzata ma tistax ma twassalx hlief ghal sens car u univoku hu dan is-sens li ghandu jfisser il-volonta` espressa tal-kontraenti. F'dan is-sens ghalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-motivazzjoni dedotta mill-ewwel Qorti billi hi tal-fehma fuq il-provi ottenuti illi l-hlas li sar mill-Unscheduled Bus Service f'Awissu 1997 ma kellux ikun eskluz mill-portata tal-klawsola (3) tal-ftehim. Konsegwentement ukoll lanqas ma taqbel ma' dak pretiz mill-appellanti li ghal kaz in ispecie hemm lok ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 1003 invokat, jew addirittura l-

applikazzjoni tal-Artikolu 1009 tal-Kodici Civili. Indubbjament, imbaghad, ma tarax, data l-konkluzjoni hawn raggunta, li jista' jkun sorrett jew moghti akkoljiment l-aggravju fondat fuq id-dispost ta' l-Artikolu 1057 tal-istess Kodici.

Ghal kull bon fini qed tigi registrata din l-osservazzjoni in meritu ghar-regola stabbilita fl-Artikolu 1003. Intqal li din ir-regola "ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju illi s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoku ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha fil-kuntratt u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha. U dan irid jigi provat mhux fil-verita` bi prova estranea ghall-kuntratt innifsu imma jrid jidher car mill-pattijiet kollha l-ohra tal-kuntratt mehudin flimkien" – "**John Bartolo et –vs- Alfred Petroni et noe**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997.

Il-Qorti jidhrilha b'konvinzjoni illi fuq il-bazi tal-konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt aktar il-fuq esposti l-konkluzjoni minnha raggunta hi f'dan il-kaz l-aktar wahda attinenti ghal presumibbli volonta` tal-partijiet u ghall-verita` sostanzjali. F'dan is-sens, u f'dan biss, qed tiddipartixxi mill-motivazzjoni tas-sentenza kritikata, anke jekk qed tasal ghall-istess konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Il-Qorti qed tasal ghal din il-konkluzjoni indipendentement mill-kontenut tal-appell incidentali. Anzi biex jinghad kollox din il-Qorti ssib pjuttost stramb il-fatt li parti vincenti f'gudizzju tappella, anke incidentalment, mill-parti razzjonali, ossija minn motivazzjoni singolari, tas-sentenza. Motivazzjoni li mbaghad fuq kollox ma sabetx postha fid-dispositiv tal-istess sentenza bhala xi wiehed mill-kapi taghha, u ghalhekk ma tistax lanqas titqies bhala xi dikjarazzjoni deciziva jew obbligatorju, kif irid l-Artikolu 219 tal-Kap 12.

Il-Qorti tifhem illi bl-espressjoni "kap wiehed jew izjed ta' kull sentenza" adoperata fl-Art 240 tal-Kap 12, jew f'disposizzjonijiet ohra sparsi fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili fejn tissemma l-kelma "kap", l-ligi qed

tirreferi espressament ghall-kapi fil-parti operattiva tas-sentenza. Kapi li minnhom l-attur appellat jista' jappella incidentalment jekk isib ruhu sokkombenti, jew ghal kwalsiasi raguni, avversament kolpit. Dan ma jidherx li hu l-kaz hawnhek billi kif inghad l-attur appellat ma appella minn ebda kap bhal dan izda biss minn certa motivazzjoni; anke jekk, kif manifest fl-investigazzjoni tal-appell principali, din il-motivazzjoni kienet fil-fehma tal-Qorti zbaljata tant li ma gietx minnha addottata. Ghal ragunijiet purament procedurali l-Qorti tqis l-appell incidentali bhala inammissibbli u ghalhekk qed jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell principali tal-konvenut appellant Joseph Spiteri bl-ispejjez jithallsu minnu. Ugwalment in bazi ghall-konsiderazzjonijiet ta' indoli procedurali fuq esposti din il-Qorti qed tichad l-appell incidentali bl-ispejjez a karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------